



Brussell, 16 ta' Settembru 2021
(OR. en)

11707/21

**Fajl Interistituzzjonali:
2020/0258(NLE)**

TRANS 534

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Nru. dok. preċ.: Nru dok. Cion:	11815/1/20 REV 1 10945/20 + ADD 1
Suġġett:	Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, ta' Protokoll għall-Ftehim dwar it-trasport okkażjonali internazzjonali tal-passiġġieri bil-kowċ u bix-xarabank (il-Ftehim Interbus) rigward it-trasport internazzjonali regolari u regolari speċjali tal-passiġġieri bil-kowċ u bix-xarabank - Adozzjoni

KUNTEST TAL-PROPOSTA

1. Fit-18 ta' Settembru 2020, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill il-proposta dwar is-suġġett ta' hawn fuq.
2. Matul l-2017, il-Kummissjoni, abbażi ta' mandat mill-Kunsill, innegozjat mas-seba' Partijiet Kontraenti l-oħra¹ għall-Ftehim Interbus protokoll li jestendi l-kamp ta' applikazzjoni tal-ftehim għat-trasport regolari u regolari speċjali bil-kowċ u bix-xarabank, bil-għan li jkun hemm proċedura ta' awtorizzazzjoni uniformi għal linji internazzjonali regolari soġġetta għall-implimentazzjoni tal-acquis tal-UE fil-qasam tat-trasport tal-passiġġieri bit-triq.

¹ Ir-Repubblika tal-Albanija, il-Bożnija-Herzegovina, ir-Repubblika tal-Moldova, il-Montenegro, ir-Repubblika tal-Maċedonja ta' Fuq, ir-Repubblika tat-Turkija, l-Ukrajna, il-Prinċipat ta' Andorra (2020), ir-Renju Unit (2021) u s-Serbja (2021). Għall-Unjoni Ewropea, il-Ftehim Interbus daħal fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2003.

3. Wara l-iskadenza tal-perijodu għall-iffirmar ta' dak il-protokoll f'April 2019, mingħajr il-kisba ta' numru suffiċjenti ta' firem, fit-18 ta' Frar 2020 il-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni biex twettaq negozjati addizzjonali sabiex tagħmel ċerti bidliet tekniċi fit-test tal-protokoll.² Matul in-negozjati sussegwenti, il-Kummissjoni kkonsultat mal-kumitat speċjali tal-Kunsill u, f'Ġunju 2020, ipprovdietli d-dettalji tal-bidliet tekniċi maqbula mal-Partijiet Kontraenti l-oħra.³ B'mod partikolari, biex jidħol fis-seħħ, il-protokoll emendat ikun jeħtiegħ il-konklużjoni jew ir-ratifika minn tliet Partijiet Kontraenti għall-Ftehim Interbus (minflok erbgħa), il-perijodu għall-iffirmar tal-protokoll emendat jiġi estiż għal sentejn, u jitqassar il-perijodu għad-dħul fis-seħħ tiegħu wara r-ratifika.
4. Il-Protokoll fih id-dispożizzjonijiet meħtieġa biex il-Ftehim Interbus jiġi estiż għat-trasport regolari internazzjonali u għat-trasport regolari speċjali internazzjonali tal-passiġġieri bil-kowċ u bix-xarabank, taħt proċedura ta' awtorizzazzjoni unika. L-adeżjoni minn qabel għall-Ftehim Interbus hija prerekwiżit għall-iffirmar u l-konklużjoni tal-Protokoll.
5. L-Unjoni Ewropea u l-Ukrajna ffirmaw il-Protokoll fil-11 ta' Frar 2021, u r-Repubblika tal-Maċedonja ta' Fuq iffirmatu fid-9 ta' Settembru 2021. Filwaqt li l-Protokoll ma jipprevedix applikazzjoni proviżorja, huwa ser jidħol fis-seħħ fl-ewwel jum tax-xahar wara r-ratifika ta' tliet partijiet inkluż l-Unjoni Ewropea.

ĦIDMA FI ĦDAN IL-KUNSILL

6. Il-Grupp ta' Ħidma dwar it-Trasport fuq l-Art iddiskuta l-proposta, flimkien mal-proposta dwar l-awtorizzazzjoni tal-iffirmar tal-Protokoll, matul laqgħa informali fis-6 ta' Ottubru 2020. Id-delegazzjonijiet b'mod ġenerali laqgħu l-inizjattiva, u xi wħud minnhom ħallew kummenti tekniċi u qajmu mistoqsijiet dwar il-funzjonament futur tal-protokoll. Delegazzjoni waħda ssuġġeriet li d-dispożizzjonijiet dwar is-sħubijiet lokali għandhom iqiegħdu lill-pajjiżi li jiġu maqsuma bħala parti mir-rotta fuq l-istess livell tal-pajjiżi li jinsabu fil-punti tat-tmiem ta' rotta ta' xarabank. Ir-rappreżentant tal-Kummissjoni ssottolinja li l-Protokoll mhux biss ser iwessa' l-kamp ta' applikazzjoni tal-Ftehim Interbus fil-biċċa l-kbira tiegħu, iżda offra wkoll l-għażla ppreferuta għar-relazzjonijiet futuri fit-trasport regolari internazzjonali tal-passiġġieri bejn l-UE u r-Renju Unit.

² Ara d-dokument ST 5587/20 + ADD 1.

³ Ara d-dokument ST 9072/20.

7. Il-Kunsill awtorizza l-iffirmar tal-Protokoll fit-23 ta' Ottubru 2020⁴ u fil-prinċipju qabel dwar l-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill, li tagħti struzzjonijiet lis-Segretarjat Ġenerali biex jibagħtu lill-Parlament Ewropew għall-approvazzjoni⁵.

ĦIDMA FIL-PARLAMENT EWROPEW

8. Fis-16 ta' Novembru 2020, il-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu tal-Parlament ħatar lis-Sinjura Maria Grapini (S&D, Rumanija) bħala rapporteur.
9. Fis-6 ta' Lulju 2021, il-Parlament ta l-approvazzjoni tiegħu għall-konklużjoni tal-Protokoll.

KONKLUŻJONI

10. Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, huwa ssuġġerit li l-Kunsill, soġġett għal konferma mill-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti, jadotta, f'waħda mil-laqgħat tiegħu li jmiss, id-Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, ta' Protokoll għall-Ftehim dwar it-trasport okkażjonali internazzjonali tal-passiġġieri bil-kowċ u bix-xarabank (il-Ftehim Interbus) rigward it-trasport internazzjonali regolari u regolari speċjali tal-passiġġieri bil-kowċ u bix-xarabank, kif jinsab fid-dokument imħejji mill-ġuristi-lingwisti (ST 11441/20).
11. It-test tal-Protokoll (ST 11442/20) ser jiġi ppubblikat flimkien ma' dik id-deċiżjoni. Il-Parlament Ewropew ser jiġi infurmat bid-deċiżjoni tal-Kunsill f'konformità mal-Artikolu 218(10) TFUE.

⁴ Ara ĠU L 385, 17.11.2020, p. 1.

⁵ Ara d-dokument 11815/1/20 REV 1.